

# Restawr Importanti fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla

Kitba u Intervisti ta' Mario Attard

Bħalissa l-knisja parrokkjali ta' Bormla tinsab fl-aħħar fażijiet ta' erba' proġetti ta' restawr bil-għan li tkun ikkonservata u miżmuma tajjeb. Dan jimmarkaw l-erba' snin ta' ħidma ta' Fr. Reuben Micallef bħala arċipriet tal-parroċċa ta' Bormla. Eżattament ir-restawr qiegħed isir fil-kampnar tal-lemin, fil-qniepen li jinżammu ġewwa fih, fl-arloġġ li jinsab fl-istess kampnar u fil-koppla tal-kappellun tal-Kurċifiss. Ix-xogħol tar-restawr tal-kampnar jinsab taħt it-tmexxija tal-Perit Ivana Farrugia. Ir-restawr tal-qniepen qiegħed isir mir-restawratur Kenneth Cauchi. Is-Sur Stephen Zammit jinsab jirrestawra l-arloġġ filwaqt li l-koppla għaddejja minn restawr li qiegħed isir taħt il-ħarsien tal-Perit Roberta Mallia f'isem il-kumpanija tal-periti Arc. Ix-xogħol ta' ġebel, huwa inkarigat minnu l-kuntrattur Agius Stone Works.

Bil-għan li dan ix-xogħol kollu ta' restawr ikun spjegat, l-erba' min-nies imsemmija fissru x-xogħol marbut mal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.

**Il-Kampnar**

Mill-kampnar, li x-xogħol fuqu beda f'Jannar 2016, inħattet il-parti ta' fuq tiegħu, jew il-*cupside*. Din il-parti kellha numru konsiderevoli mill-ġebel fi stat avvanzat ta' deterjorazzjoni, oħrajn kienu maqsumin minħabba l-ħadid ġo fihom li saddu biż-żmien u fili miftuħin fost ħsarat oħra. Il-ġebel li kien għadu tajjeb inżamm biex jerġa' jitpoġġa f'postu.



*Il-cupside waqt li kienet qiegħda terġa' tintrama*

Fil-kampnar kien hemm ħsara assoċjata mal-preżenza tal-melħ u li għalhekk il-ġebla bdiet tfarfar u tittiekel. L-iktar tħassib fil-kampnar kien l-ammont sostanzjali ta' ġebel li beda jfaqqa'. Bħala prinċipju r-restawr jipprova jżomm kemm jista' mill-ġebla li tmur lura għall-oriġini tal-knisja.

Tajjeb li wieħed jgħid li d-Direttorat tar-Restawr bil-ħaddiema tiegħu qed jirrestawra wkoll il-faċċati kollha esterni tal-Oratorju tal-Knisja parrokkjali li jinsabu fi Triq l-Oratorju u fi Sqaq l-Oratorju. It-tir hu li sal-aħħar tal-2017 id-Direttorat ikun irrestawra l-faċċati esterni kollha tal-kumpless tal-knisja parrokkjali ta' Bormla.



*Il-Kampnar*

**Il-Qniepen**

Fil-kampnari tal-Kolleġġjata ta' Bormla jeżistu ħdax-il qanpiena, fejn disgħa minnhom fil-kampnar tal-Lvant (tal-Arloġġ) u t-tnejn l-oħra fil-kampnar tal-Punent. Kronoloġikament is-snin li fih saru l-qniepen eżistenti huwa dan: 1685, 1732, 1789, 1803, 1808, 1811, 1892; 1894, u 1895. L-użu kontinwu tal-qniepen wassal għall-bżonn tar-restawr. Bosta partijiet tal-qniepen u t-tagħmir anċillarju tagħhom ittiekel u kellu bżonn jinbidel jew jiġi ppristinat biex jibqa' jintuża.



*Qanpiena minnhom dieħla fl-Inġinerija*

Ir-restawr sar fl-Inġinerija tas-Sur Mario Camilleri megħjun mis-*slinger* ta' ħila Michael Zerafa u missieru Jimmy, kollha minn Ħaż-Żabbar.

L-iktar qniepen li kienu malandati kienu l-iżgħar qniepen għax kienu ttieklu fix-xoffa tagħhom u mal-medda taż-żmien iddawru kwart biex joffru post ġdid fejn iħabbat l-ilsien. Dan ma kienx biżżejjed għax kellhom jerġgħu jiddawwru $^1/_8$ ta' dawra biex instabilhom lok ġdid fejn


Uħud mill-qniepen fl-Inġinerija

iħabbat l-ilsien. Il-kbar kienu f'kundizzjoni aħjar għax ġeneralment jintużaw biss fil-festi prinċipali tal-knisja. Il-qanpiena ż-żgħira nett u dik imsejha 'Il-Ġdida' kienu fl-aħjar kundizzjoni minħabba fl-età pjuttost riċenti tagħhom kif ukoll minħabba fl-użu ristrett tagħhom.[1]

L-interventi fuq il-qniepen kienu delikati fejn is-sistema kif kienu jiddendlu l-qniepen mill-widnejn tal-kuruna kellha tinbidel ukoll b'rizultat li l-qiepen kellhom jittaqqbu minn rashom biex il-piż jiġi ttrasferit mill-kuruna għal fuq il-widnejn. Ma' din il-bidla kellhom jinbidlu wkoll it-travi għal *square bars* solidi biex ix-xogħol jintrabat maghhom mingħajr ma jkun hemm tbandil ta' qniepen waqt id-daqq.

Mhux normali li settijiet ta' qniepen jitniżżlu mill-kampnar u jittieħdu f'inġinerija. Ħafna drabi l-qniepen jitniżżlu u jitħallew mirfuda fuq it-travetti fil-kampnar tagħhom stess. Li jittieħed fl-inġinerija huwa l-apparat anċillarju tagħhom li jinkludi l-ilsna, it-travi, l-ixkla u l-bqija. Il-qniepen tal-parroċċa ta' Bormla tniżżlu minn mat-travi tagħhom kmieni f'Settembru 2015 u tħallew imserrħa fuq travetti fuq is-soll tat-twieqi rispettivi tagħhom. Dan il-proċess ħa kważi ġimgħa sħiħa. Din l-operazzjoni għad trid issir meta jaslu biex jittellgħu mill-ġdid f'posthom.

Hawnhekk irrid inżid, grazzi għat-tagħrif li għaddieli r-restawratur is-Sur Kenneth Cauchi, li nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubtu (2016) ittellgħu l-ewwel tlett iqniepen.


Il-koppla

**Il-Qniepen li jinsabu fil-kampnar l-ieħor**

Miż-żewġt iqniepen il-kbar li jinsabu weħidhom fil-kampnar l-ieħor, waħda minnhom hekk imsejħa 'l-Antika' u mdendla fil-ħnejja tal-faċċata tal-kampnar kien sarilha intervent metikoluż daqs sentejn ilu. Dak kienet fi stat gravi ħafna tant li kienet waħda mill-ewwel affarijiet li ħa ħsieb jindirizza l-Arċipriet

Dun Reuben Micallef. **Din il-qanpiena tista' tgħid li hija waħda mill-ifjen qniepen li jeżistu fil-gżejjer Maltin – qanpiena rari fonduta minn Domenico Canciani[2] magħruf aħjar bħalha l-Canciano dalla Venezia.** Biex saret il-Bambin biss jaf kemm swiet flus!

Maġenb u fin-nofs ta' dan il-kampnar wieħed isib il-qanpiena l-Kbira' fonduta mill-fonditur Bormliż Ġulju Cauchi fl-1895. **Bla dubju din hija fost l-aqwa xogħol ta' dan il-fonditur tal-qniepen Malti ta' isem.**

## L-Arloġġ

L-arloġġ tal-parroċċa ta' Bormla juri l-ħin fuq tliet uċuħ u jdoqq fuq tlett iqniepen li jintużaw għalih biss. **Il-pożizzjoni tal-arloġġ innifsu hija differenti minn ta' knejjes oħra minħabba li jinsab 'il fuq mill-qniepen prinċpali tal-knisja.** Inħadem fl-1893 minn Michelangelo Sapiano. Dan jikkonfermah il-kwadrant li fuqu huma mniżżlin min ħadem il-makna tal-arloġġ u meta. Il-makna li tħaddem l-arloġġ tinqasam fi tlieta. Il-parti tan-nofs tal-makna hija l-parti tal-ħin, filwaqt li ż-żewġ partijiet l-oħra huma tad-daqq: il-parti tal-lemin hija tal-kwarti u tax-xellug tas-sigħat. Dawn jaħdmu flimkien. Dan l-arloġġ idoqq il-kwarti fuq żewġ qniepen.



*Parti mill-arloġġ wara r-restawr*

Il-ħsarat li kellu ma kinux ftit, iżda ta' min jgħid ukoll li kienu ħsarat varji u li komplew jikbru matul iż-żmien. Minħabba l-ħsarat li kibru fil-kampnar, l-ilma tax-xita kien qiegħed iqattar għal fuq il-magna tal-arloġġ. Dan saddad partijiet mill-magna u ħafna miż-żebgħa oriġinali tal-magna tqaxxret.

L-affarijiet li spiċċaw jew ittieklu biż-żmien kellhom jiġu mibdula u magħmula bħalma kienu oriġinalment. Dan minbarra li tneħħa s-sadid fil-magna. Qed jinbidlu l-imrietel li jdoqq il-qniepen bihom u l-ħadid spiċċut u msaddad li kellu qabel, fuq xiex kienu marbuta.

Ix-xogħol qed isir kemm fil-*workshop* u kif ukoll fuq il-post, fejn ħafna affarijiet iridu jerġgħu jiġu ssettjati fuq il-post, jiġifieri fil-kamra tal-arloġġ ġol-kampnar.

Ix-xogħol beda maż-żarmar tal-bini tal-kampnar, iżda meta tlesta l-bini seta' jibda x-xogħol sew minħabba li qabel ma teħel il-magna kellhom isiru xogħlijiet fil-kamra tal-arloġġ biex ikun protett. Fosthom, inbidel saqaf tal-injam li tmermer biż-żmien u x-xita. Twaħħal sellum permanenti mal-ħajt biex ikun hemm aċċess iktar faċli għall-parti ta' fuq tal-kampnar fejn hemm l-imrietel u l-qniepen tal-arloġġ. Issewwa l-injam tal-istruttura twila minn fejn jgħaddu l-mażżri. Kollox inżebagħ b'żebgħa protettiva għal kontra

l-elementi tan-natura. L-arloġġ innifsu qed jiġi mnaddaf biċċa biċċa, u qed jinbidlulu l-partijiet li ttieklu maż-żmien, kif ukoll qed tingħata protezzjoni aħjar għall-makna u l-makkinarju kollu li għandu x'jaqsam mal-arloġġ.




*Il-kwadrant li juri il-ħin fuq gewwa tal-arloġġ lanqas baqa jinqara sew minħabba li swied. Meta tnaddaf ġie mikxuf li hu magħmul tal-bronż u reġgħu ġew jidhru n-numri u l-isem: Michel Angelo Sapiano A.D. 1893*

Ta' min jgħid ukoll li minbarra t-tiswijiet u r-restawr komplut, ħa tiġi installata sistema b'invenzjoni tar-restawratur/arloggatur, is-Sur Stephen Zammit, biex l-arloġġ jieħu l-ħabel bl-elettriku. Din is-sistema tieħu ż-żmien biex issir, minħabba li trid issir riversibbli u mingħajr ma ttellef l-identità u l-oriġinalità tal-arloġġ innifsu.

Minħabba li żmien ilu kellu jitwaqqaf milli jdoqq, għax kull darba li kien idoqq kienu jinżlu frak tal-ġebel, meta jkun lest ħa jerġa' jiġi jdoqq kollox bħal meta kien magħmul oriġinalment fl-1893.

## Il-Koppla

Fost id-diversi xogħlijiet ta' restawr li qiegħed isir fil-parroċċa ta' Bormla nsibu dak tal-koppla tal-kappellun tal-Kurċifiss. Minn ġewwa, din il-koppla hija mżejna bil-pittura ta' Giuseppe Calì li b'xorti ħażina għandha ħafna ħsarat imġarrba mill-ilmijiet tax-xita u ħsarat oħra ħtija ta' dewmien fit-tul ta' restawr. Għalhekk, qabel mal-pittura tkun restawrata, l-ewwel jeħtieġ li tkun irrestawrata l-ġebla tal-koppla kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra ħalli l-ilma tax-xita ma jibqax jippenetra. Għal dan il-għan jien ġbart it-tagħrif li ġej mingħand il-perit Roberta Mallia f'isem il-kumpanija tal-periti Arc.

Peress li l-ħsarat fil-koppla tal-kappellun tal-Kurċifiss ilhom isiru tant li l-ġebla tagħha sarilha ħafna ħsara kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra, kien meħtieġ restawr minn barra tal-koppla biex tkun protetta mill-ilmjiet tax-xita ħalli ma jibqax jinfiltra l-ġebla.[3]

Ir-restawr jinkorpora speċifikament lill-ġebla u lid-deffun kif ukoll l-għata li tingħata bħala protezzjoni għall-koppla *per se*. Dan ifisser li fejn il-ġebla tal-franka tkun mittiekla ħafna tinbidel. Sar xi bdil u tiswijiet tal-blajjet li hemm fil-parti ta' fuq għax kienu kollha maqsumin u wħud minnhom kienu qegħdin jinżlu. Imbagħad ma jistax jonqos it-tindif tal-koppla, il-fili tal-ġebla li nfetħu u saru mill-ġdid filwaqt li fejn huma partijiet mitlufin qiegħda tintuża teknika ta' *plastic repair*, jiġifieri tkun imsewwija b'taħlita ta' mottar. Biss, ix-xogħol prinċipali tar-restawr ikkonsista l-aktar fil-bdil tal-ġebla u fejn tfarfar kien applikat likwidu protettiv. L-aperturi marbutin mal-koppla se jitranġaw ukoll.

Interessanti ta' min isemmi li waqt li l-ħaddiema kienu qegħdin jirranġaw il-ġebla,

sabu taraġ forma ta' garigor li joffri aċċess minn ġewwa l-koppla. Il-bieb li jagħti għalih kien imbarrat u nfetaħ għall-mument.

Fost xogħol ieħor qegħdin jinfetħu l-fili tal-ġebla tal-parti ta' fuq tal-koppla u jingħata l-likwidu protettiv li jsaħħaħ il-ġebla f'xi partijiet tal-koppla fejn il-ġebla qiegħda tfarfar. Jonqos it-twaħħil tal-aperturi. Baqa' wkoll id-deffun fejn qiegħda tingħata l-ewwel passata u wara l-koppla tingħata kisja oħra ħalli tkun aktar protetta.

## Għeluq

Mill-qagħda oriġinali tal-kampnar kien hemm nieqes biss il-pinnur. Għad li l-pinnur ma kienx jagħmel parti mill-proġett, il-Kapitlu tal-parroċċa ta' Bormla ħa l-inkarigu li jara li jsir wieħed ġdid, replika tal-oriġinali.

Waqt ix-xogħol tar-restawr instabu affarijiet interessanti, bħall-kulur oriġinali tal-arloġġ, ċertu dettalji tal-iskultura...Dawn għal uħud jistgħu jidhru bħala affarijiet żgħar imma fil-verità jirrakkontaw huma wkoll parti mill-istorja tal-bini tal-kampnar.

It-tmiem tal-proġetti tar-restawr imsemmija huma biss parti mir-restawr komplut. Fil-fatt għad iridu jsiru restawr fuq il-faċċata tal-parroċċa ta' Bormla kif ukoll fuq i-kampnar tax-xellug

**Referenzi**

[1] Iż-żgħira tindaqq fil-funerali biss u l-oħra fid-daqq minn fuq, f'tal-Ħamis u fil-libra ta' nhar ta' Ġimgħa fit-Tlieta ta' wara nofsinhar.

[2] Canciani kien imsemmi fi żmienu, biss biss f'Beltu Venezja fejn fonda l-ħamest iqniepen stroriċi għall-Campanile monumentali tad-Duomo Venezjan iddedikat lill-Evanġelista San Mark. Dan il-kampnar kien ikkrolla nhar l-14 ta' Lulju 1902, meta nqerdu l-qniepen kollha ħlief għall-Kbira, li salvat kollha mxellfa u ttellgħet lura biex issemma' leħinha fuq il-Belt Laguna. Il-'Marangona' kif magħrufa, għadha ssemma n-nota La2. Fost il-Venzjani tista' tgħid li salvat bħala s-simbolu akustiku ta' din il-belt spettakolari.

[3] Hawnhekk niftakru li l-pittura tal-Calì m'hijiex parti mill-proċess tar-restawr imsemmi iżda min-nies tad-Dipartiment tal-Wirt Mibni fi ħdan il-Fakultà tal-Ambjent Mibni fl-Università ta' Malta. La jitlestielha r-restawr minn ġewwa u minn barra, il-koppla terġa' tiżżejjen bl-arti ta' Calì.

Is-Sibt, 22 ta' Ottubtu 2016

